31997D0833

L 345/52 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 16.12.1997

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-11 ta' Diċembru 1997
## li tippreskrivi l-proċedura biex tkun adottata l-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat ta' l-Unjoni Doganali Konġunta stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE -Turkija dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali ta' l-Unjoni Doganali

(97/833/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi d-Deċiżjoni Nru 1/95 ([3]) tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija stabbiliet Kumitat Konġunt ta' Unjoni Doganali; billi dan il-Kumitat għandu s-setgħa li jfassal rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet li għalihom tipprovdi d-Deċiżjoni imsemmija;

Billi għall-finijiet ta' proċeduri tal-Kumitat Konġunt huwa meħtieġ li jkunu preskritti regoli biex ikunu adottati pożizzjonijiet komuni li fuq il-bażi tagħhom il-Komunità, rappreżentata mill-Kummissjoni fuq il-Kumitat Konġunt, tkun tista' tidħol f'obbligi dwar it-Turkija;

Billi x-xogħol tal-Kumitat Konġunt huwa li jiżgura t-tħaddim sew ta' l-Unjoni Doganali u tal-kummerċ ħieles bejn il-Partijiet; billi pożizzjonijiet komuni li għandhom ikunu adottati mill-Komunità jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 113 tat-Trattat, u l-proċedura li għaliha jipprovdi dak l-Artikolu għandha tapplika bħala regola;

Billi huwa meħtieġ, madankollu, li jkun provdut li pożizzjonijiet komuni dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità u kull aġġustament tekniku assoċjat magħha jew dwar il-valutazzjoni ta' mġieba li tmur kontra l-kompetizzjoni għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bla ħsara għall-Artikolu 2, il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' l-Unjoni Doganali għandha tkun adottata mill-Kunsill, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li trid tieħu l-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' l-Unjoni Doganali għandha tkun adottata mill-Kummissjoni meta l-pożizzjoni msemmija tkun dwar traspożizzjoni sempliċi ta' atti ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità fl-Unjoni Doganali, jekk ikun meħtieġ permezz ta' aġġustamenti tekniċi, jew għall-valutazzjoni ta' mġieba li tmur kontra l-kompetizzjoni. Ir-rapport ta' kull sena mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-Unjoni Doganali għandu wkoll jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 1997.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DELVAUX-STEHRES

---

([1]) ĠU C 84, tal-21.3.1996, p. 14.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Novembru 1997 (għadha mhux ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).
([3]) ĠU C 35, tat-13.2.1996, p. 1.